MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 1127/2002/1

**Partit Nazzjonalista**

**vs**

**Awtorita` tax-Xandir, u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2002 Dr. Alfred Sant, Jimmy Magro u Emanuel Cuschieri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Labour Party gew ammessi jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti;**

**Ic-citazzjoni u l-eccezzjonijiet.**

Dan hu appell – proprjament zewg appelli, ghax hemm l-appell tal-Public Broadcasting Services Limited maghmul taht l-Artikolu 236 tal-Kap. 12 – minn sentenza moghtija mill-Prim Awla fil-15 ta' Novembru, 2002. Permezz ta' citazzjoni prezentata fid-9 ta' Ottubru, 2002, l-attur ippremetta hekk:

**"Illi s-shubija jew le ta' Malta fl-Unjoni Ewropea hija materja ta' kontroversja politika u materja ta'** ***policy*** **korrenti u fi zmien ftit xhur l-elettorat Malti ser ikun imsejjah jaghmel din l-ghazla politika permezz ta' referendum;**

**"Illi minn Gunju, 2002, l-Malta Labour Party inghata d-dritt mill-Awtorita` konvenuta li jxandar 'spots' dwar id-dhul o meno ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fuq it-televizjoni statali, il-Public Broadcasting Services, u dana minghajr hlas;**

**"Illi l-Partit Nazzjonalista ripetutament talab li jithalla wkoll jxandar 'spots' simili fuq it-televizjoni ta' l-istat biex ikun jista' jsemma' lehnu dwar il-materja ta' kontroversja politika izda b'decizjoni ta' l-1 ta' Ottubru, 2002, l-Awtorita` konvenuta cahdet din it-talba;**

**"Illi l-Awtorita` konvenuta ghandha tizgura li, f'materja ta' kontroversja politika jew li tirreferi ghall-*policy* pubblika kurrenti, tinzamm imparzjalita` xierqa f'dak li ghandu x'jaqsam ma' servizz ta' xandir u hija marbuta u obbligata taht l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-provvedimenti tal-Att XII tal-1991 dwar ix-Xandir li tara li l-facilitajiet u l-hin tax-xandir jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti;**

**"Illi sa minn meta l-Malta Labour Party beda jxandar dawn li 'spots' f'Lulju 2002, inholoq zbilanc sfaccat fuq it-televizjoni tal-istat billi hemm biss partit wiehed li qed ixandar dwar il-fehma tieghu dwar din il-materja ta' kontroversja politika filwaqt illi l-partiti politici l-**

**ohra, inkluz il-Partit Nazzjonalista, qed jigu michuda mill-istess dritt u dina d-diskriminazzjoni kontra l-Partit Nazzjonalista hija ksur flagranti tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar ix-Xandir";**

Premess dan kollu, l-Partit Nazzjonalista talab lill-Awtorita` tax-Xandir tghid ghaliex:

**"1. Din il-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi u tiddikjara illi d-decizjoni ta' l-istess Awtorita` tax-Xandir tal-1 ta' Ottubru, 2002 li biha cahdet it-talba tal-Partit Nazzjonalista li jkollha [recte: jkollu] l-istess dritt bhal Malta Labour Party li ssemma' lehinha [recte: jsemma' lehnu] dwar id-dhul o meno ta' Malta fl-Unjoni Ewropea hija wahda li holqot zbilanc, diskriminazzjoni u parzjalita` kontra l-Partit Nazzjonalista f'materja ta' kontroversja politika korrenti u dana bi ksur ta' l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ligi dwar ix-Xandir;**

**"2. M'ghandiex tigi kkundannata minn din il-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju taghti dawk id-direttivi sabiex jinzamm il-bilanc rikjest fil-Kostituzzjoni u fil-Ligi dwar ix-Xandir billi taghti l-istess drittijiet lill-Partit Nazzjonalista li llum ghandu l-Malta Labour Party; u**

**"3. M'ghandhiex din il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidrilha xierqa sabiex il-Partit attur jigi reintegrat fid-drittijiet kostituzzjonali u legali tieghu."**

Ghal dan l-Awtorita` konvenuta wiegbet hekk:

**"1. Meta l-Awtorita` tax-Xandir taghti rimedju biex jigi radrizzat zbilanc dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha u tali diskrezzjoni giet ezercitata skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell u, b'mod partikolari, is-sentenza fl-ismijiet "L-Onorevoli Dr Eddie Fenech Adami nomine vs Dr Joe Pirotta nomine et" deciza fis-17 ta' Lulju 1997 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Jigi rilevat ukoll**

**illi d-decizjoni ta' l-Awtorita` li qed tigi kontestata mill-Partit Nazzjonalista tikkostitwixxi applikazzjoni ezata ta' l-insenjamenti tas-sentenza hawn fuq citata ta' l-Onorevoli Qorti ta' l-Appell;**

**2. illi l-Awtorita` applikat korrettament l-ewwel parti ta' l-artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni li tikkoncerna l-vertenza de quo in kwantu titratta dwar l-element fattwali tal-kontroversja kif ukoll applikat korrettement it-tieni parti ta' l-artikolu 119 dwar it-talbiet attrici peress li l-Awtorita` holqot diga` zewg skemi ta' diskussjoni li fihom il-Partit Nazzjonalista qed jippartecipa flimkien mal-partiti l-ohra kollha;**

**3. ma jirrizultax lill-Awtorita` li l-Partit Nazzjonalista – tul iz-zmien kollu li ilhom jixxandru l-ispots ta' l-M.I.C. – ipprotesta maghha fis-sens li ma kienx qed jaqbel mal-kontenut fattwali taghhom jew bix-xandir taghhom l-Awtorita` tax-Xandir kienet qed tippermetti li jinkiser l-artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni u ghaldaqstant mhux minnu li l-Awtorita` mhux qed izzomm l-imparzjalita` xierqa fejn jidhlu suggetti ta' kontroversja politika jew ta' policy pubblika kurrenti. F'dan ir-rigward l-eccipjent jaghmel referenza ghall-motivazzjonijiet tad-29 ta' Mejju 2002 li a bazi taghhom ittiehdet id-decizjoni ta' l-Awtorita` tas-6 ta' Gunju 2002 u tad-decizjoni antecedenti ta' l-1 t'Ottubru 2002 li qed jigu annessi ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza bhala dokumenti "BA1" u "BA2" rispettivament.**

**Illi ghalhekk id-decizjoni ta' l-Awtorita` hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-ligi."**

**Is-sentenza appellata.**

Bis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddikjarat illi d-decizjoni tal-Awtorita` tax-Xandir tal-1 ta' Ottubru, 2002, u bir-rimedju li tat lill-Partit Laburista, holqot zbilanc, diskriminazzjoni u

parzjalita` kontra l-Partit Nazzjonalista` f'materja ta' kontroversja politika korrenti u dana bi ksur tal-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ligi dwar ix-Xandir, u ordnat lill-istess Awtorita` tax-Xandir sabiex fi zmien gimgha taghti dawk id-direttivi sabiex jinzamm il-bilanc rikjest fil-Kostituzzjoni u fil-Ligi Dwar ix-Xandir billi taghti l-istess drittijiet lill-Partit Nazzjonalista li kellu dak iz-zmien il-Malta Labour Party biex f'dan is-sens il-partit attur jigi reintegrat fid-drittijiet kostituzzjonali u legali tieghu, bl-ispejjez kontra l-Awtorita` konvenuta, u dan wara li dik il-Qorti qieset is-segwenti:

**"F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara illi d-decizjoni ta' Awtorita` tax-Xandir tal-1 ta' Ottubru, 2002 li biha cahdet it-talba tal-Partit Nazzjonalista li jkollha l-istess dritt bhal Malta Labour Party li ssemma lehenha dwar id-dhul o meno ta' Malta fl-Unjoni Ewropea hija wahda li holqot zbilanc, diskriminazzjoni u parzjalita' kontra il-Partit Nazzjonalista f'materja ta' kontroversja politika korrenti u dana bi ksur tal-Art. 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ligi Dwar ix-Xandir.**

**Il-Partit Nazzjonalista ghamel din il-kawza in segwitu ghad-decizjoni tal-konvenuti li jaghtu lill-Partit Laburista rimedju li jkollu facilita` li jxandar f'hin simili ghal dak tal-M.I.C., u li jipproduci hu stess programmi fejn jaghti l-fatti li jixtieq igib a konjizzjoni tal-pubbliku relevanti ghall-kontroversja politika u ghall-*policy* pubblika kurrenti dwar l-applikazzjoni ghas-shubija fl-Unjoni Ewropeja. Il-kawza saret ukoll minhabba d-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 li rrifjutat li taghti lill-atturi l-istess facilita`.**

**L-atturi qed jissottomettu li skond il-Kostituzzjoni l-partiti politici ghandhom ikollhom access ugwali ghall xandir ta' l-istat. Bid-decizjoni taghha, ghalhekk l-Awtorita` tax-Xandir issa tat vantagg politiku sostanzjali lill Partit Laburista billi allokatlu hin aktar mill-Partit Nazzjonalista fuq ix-xandir ta' l-istat f'mument vitali ghal pajjiz.**

**Il-konvenuti qed jissottomettu li l-Awtorita` ddecidiet li l'informazzjoni kif kienet qed tigi prezentata mil-MIC kienet qed tissodisfa l-bzonn informattiv tal-partiti l-ohrajn, imma ma kienitx qed tissodisfa l-bzonn informattiv tal-Partit Laburista li kien qieghed jilmenta. Il-konvenuti qed jargumentaw, u dana konformament ma' din id-decizjoni taghhom, li l-programmi ta' l-M.I.C. jaghtu informazzjoni dwar x'timplika shubija shiha fl-Unjoni Ewropea, imma ma kienux qed jaghtu fatti rilevanti dwar posizzjoni kontra shubija. Billi rrizulta dan l-izbilanc fattwali, r-rimedju li tat l-Awtorita` kien li thalli lill-Partit Laburista jaghti fatti relevanti dwar in-nuqqas ta' shubija, anke fid-dawl ta' alternativa proposta ghal shubija.**

**L-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni jipprovvdi li tkun funzjoni ta' l-Awtorita` dwar ix-Xandir li tizgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegh u televizjoni li jistghu jkunu provduti f'Malta, tigi mizmuma mparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu ghal *policy* pubblika korrenti u illi l-facilitaijet u l-hin tax-xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti (emfasi tal-Qorti)**

**Hu ndubbitat li l-kwistjoni dwar is-shubija jew le ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja hija kwistjoni ta' kontroversja politika u li tirreferixxi ghal *policy* pubblika korrenti.**

**M'hemmx kontestazzjoni li l-M.I.C. hi enti autonomu u mhux partit politiku mentri l-atturi u l-Partit Laburista huma partiti politici. Ghalhekk il-M.I.C. u l-Partit Nazzjonalista m'humiex l-istess haga. Il-M.I.C. m'hiex il-porta vuci tal-Partit Nazzjonalista, (almenu m'hemmx prova f'dan is-sens) ghalkemm hi tirrifletti sew dak li l-Partit Nazzjonalista qed isostni bhala fatti dwar shubija fl-Unjoni Ewropeja. Imma, ai fini ta' l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, cioe' dwar tqassim ta' facilitajiet u hin ta' xandir, l-M.I.C. ma tistax tigi komparata jew ekwiparata ma' partit politku u f'dan il-kaz mal-Partit Nazzjonalista.**

**Ghalhekk bid-decizjoni ta' l-Awtorita` li tawtorizza lill-Partit Laburista jaghmel *spots* fuq fatti dwar l-Unjoni Ewropeja biex jirraddrizza l-izbilanc li l-Awtorita` rat fl-imparzjalita' tal-presentazzjoni tal-fatti da parti tal-M.I.C issa holqot zbilanc iehor billi, kontra dak li tghid il-Kostituzzjoni, partit politiku wiehed qed ixandar *spots* fuq fatti dwar l-Unjoni Ewropeja, mentri partit politiku iehor m'ghandux l-istess facilita` li jxandar dwar il-fatti.**

**Kwantu ghall argument tal-konvenuti li l-M.I.C. qed tissodisfa l-bzonn informattiv tal-Partit Nazzjonalista u li l-Partit Nazzjonalista m'oggezzjonax ghall-fatti kif prezentati mill-M.I.C, jigi rilevat li l-fatti li qed jipprezenta l-M.I.C. m'humiex necessarjament il-fatti li jixtieq jipprezenta l-Partit Nazzjonalista bhala partit, jew almenu, il-Partit Nazzjonalista ma kienx jipprezentahom kif qed tipprezentahom il-M.I.C. (ara xhieda ta' Joe Saliba). Il-kwistjoni tal-iskemi li niehdiet l-Awtorita`, fejn il-Partit Nazzjonalista qed isemma l-opinjoni tieghu flimkien mal-partiti politici l-ohra hija kwistjoni ohra apparti dika ta' l-ispots li nghataw lill-Partit Laburista biss.**

**Il-konvenuti, fid-decizjoni taghhom, ma sabu xejn li kien fattwalment skorrett f'dak li kienet qed tipprezenta il M.I.C., imma sabu li kien hemm zbilanc fil-prezentazzjoni tal-fatti. F'materja fattwali jista' jkun hemm ukoll zbilanc ghax fatti li huma korretti jistghu jigu prezentati b'mod parzjali u fatti ohrajn jistghu ma jissemmghu xejn. L-Awtorita` sabet dan l-izbilanc, ghaliex, fil-waqt li l-M.I.C. qed tghid il-fatti fuq il-kwistjoni ta' shubija, mhux qed tghid fatti dwar in nuqqas ta' shubija. Fil-fatt il- M.I.C. tghid li dan mhux fit-*terms of reference* taghha. Il-konvenuti qed isostnu li l-alternativa ta' *partnership* jew Svizzera fil-Mediterran u vot biex ma nidhlux fl-Unjoni Ewropeja, huma l-istess haga.**

**Bla ma l-Qorti tidhol fil-kwistjoni dwar kif qed jigu prezentati l-fatti mill-M.I.C. u l-Partit Laburista,**

**kwistjoni li giet sollevata fit-trattazzjoni tal-kawza wkoll, il-Qorti hi tal-fehma li, indipendentement minn dina l-kwistjoni, issa, bir-rimedju li nghata lill-Partit Laburista, l-atturi huma zvantaggjati billi nholqot sitwazzjoni fejn partit politiku qed jghaddi messagg lill-pubbliku biex Malta ma tissiehebx fl-Unjoni Ewropeja mentri partit politiku iehor m'ghandux l-istess possibilita', cioe' li jxandar il-messagg tieghu favur shubija fl-Unjoni Ewropeja.**

**Il-Qorti taqbel ma' dak li ssottomettew l-atturi li anke kieku l-Partit Laburista kien qed jghaddi messagg pozittiv favur l-Unjoni Ewropea, huma l-istess kienu jesigu wkoll minghand il-konvenuti, li jinghataw zmien biex ixandru l-messagg taghhom, anke jekk posittiv ukoll, billi skond il-Kostituzzjoni huma ghandhom ikollhom l-istess facilita` li jxandru l-opinjoni taghhom daqs il-partit politiku l-iehor. F'dan il-kaz l-atturi ma huma qed jinghataw l-ebda facilita` li jxandru. Ma tistax taghti lill-partit politiku wiehed facilita` li jibbilancja fatti moghtija minn organu awtonomu, u fl-istess hin ma taghtix l-istess facilita` lill-partit politiku iehor."**

**<u>L-appell ta' l-Awtorita` tax-Xandir u l-fehma ta' din il-Qorti dwaru.</u>**

Ghalkemm il-Partit Nazzjonalista, fir-risposta tieghu ghall-appell tal-Awtorita` tax-Xandir, jeccepixxi n-nullita` tar-rikors ta' appell ghax, skond hu, l-Awtorita` ma ressqet ebda aggravju ghas-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2002, din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravji ta' l-Awtorita` appellanti jirrizultaw b'mod car mir-rikors tat-18 ta' Novembru, 2002. Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li sejra sommarjament tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari tal-Partit Nazzjonalista, ser tghaddi biex tezamina mill-ewwel dawn l-aggravji. Bazikament dawna l-aggravji huma tnejn, u cioe` (1) li l-Awtorita` giet issa rinfaccjata b'zewg sentenzi konfliggenti, dik tal-5 ta' Settembru, 2002 fl-ismijiet ***Chairman tal-kumpanija Public Broadcasting Services***

***Limited et noe. v. Awtorita` tax-Xandir et*** u dik li minnha qieghed isir dan l-appell, u (2) li hija osservat fit-totalita` tieghu l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni meta tat ir-rimedju lill-Partit Laburista u cahdet ir-rimedju mitlub mill-Partit Nazzjonalista "peress li jekk wiehed janalizza bir-reqqa kollha l-imsemmi subartikolu jsib li l-ingredjenti kostituttivi tieghu huma s-segwenti: a) li tigi mizmuma imparzjalita` xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu ghal policy pubblika kurrenti, b) illi l-facilitajiet u l-hin tax-xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti". Wara li l-Awtorita` appellanti fissret dak li hi tifhem bil-kuncett ta' "imparzjalita`" fix-xandir, kompliet hekk fir-rikors ta' appell taghha:

**Applikat dan ta' hawn fuq ghall-fatti speci ta' dan l-appell, dan kollu jfisser li l-Awtorita` trid tizgura illi fejn tidhol materja ta' kontroversja politika u ta' public policy korrenti bhalma hi l-Unjoni Ewropea ghandhom jinghataw iz-zewg veduti, jigifieri fatti dwar l-Unjoni Ewropea u fatti dwar alternattivi ghall-Unjoni Ewropea, u dan peress li l-poplu ser jigi msejjah biex jiddeciedi jekk jinghaqadx mal-Unjoni Ewropea jew jibqax barra mill-Unjoni Ewropea u jsegwi triq ohra. Fi kliem iehor jezistu zewg kampi – dawk li qed jaghtu fatti dwar l-Unjoni Ewropea (bhalma qed jaghmel il-MIC fil-kampanja informattiva tieghu) u dawk li qed jaghtu fatti dwar alternattivi ghal shubija fl-Unjoni Ewropea (bhalma qed jaghmel attwalment il-Partit Laburista). Iz-zewg veduti huma ben rappresentati u l-indhil tal-Partit Nazzjonalista u ta' l-Alternattiva Demokratika biex jaghtu l-fatti dwar l-Unjoni Ewropea – apparti milli se jkun duplikazzjoni ta' dak li diga qed jaghmel ben tajjeb il-MIC (u dan huwa ammess mill-Partit Nazzjonalista u mill-Alternattiva Demokratika) – se jikkostitwixxi zbilanc kontra l-Partit Laburista ghax ser ikun hemm tlett entitajiet li qed jaghtu fatti dwar l-Unjoni Ewropea (il-MIC, il-PN u l-AD) kontra entita` wahda li qed taghti fatti dwar alternattiva ghal shubija ghall-Unjoni Ewropea (il-Partit Laburista). Ftit li xejn jista' jinghad f'dan ix-xenarju li hemm *a level playing field* u l-kuncett ta' imparzjalita` kif definit hawn fuq**

**jispicca jingieb fix-xejn minhabba interpretazzjoni xejn korretta tad-disposizzjoni kostituzzjonali.**

U dwar it-tieni “ingredjent” tal-Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni l-Awtorita` appellanti tghid hekk:

**Mill-banda l-ohra, fejn jidhol it-tieni ingredjent kostituttiv tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, l-Awtorita` organizzat tlett skedi li fihom ippartecipaw u qed jippartecipaw il-partiti politici. Bizzejjed jinghad illi l-Partit Nazzjonalista ppartecipa f’ghaxar programmi ta’ siegha kull wiehed li xxandru bejn il-21 ta’ Marzu u t-18 ta’ Lulju 2002 u fi skema ohra ta’ erba’ programmi li xxandru f’Ottubru – Novembru 2002. L-Awtorita` ser tniedi erba’ programmi ohra f’Jannar – Frar 2003 ghall-partiti politici u l-Partit Nazzjonalista wkoll ser jigi mistieden biex jippartecipa bhal qabel f’din l-iskema biex jaghti l-opinjonijiet kollha tieghu.**

Din il-Qorti tibda biex tghid li ma tara ebda konflitt bejn is-sentenza tal-Prim Awla (in segwitu konfermata fl-Appell minn din il-Qorti[1]) tal-5 ta’ Settembru, 2002 aktar ‘l fuq imsemmija, u s-sentenza li minnha qed isir dan l-appell, cioe` dik tal-15 ta’ Novembru, 2002. Fis-sentenza tal-5 ta’ Settembru, 2002 fl-ismijiet ***Chairman tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited et noe. v. Awtorita` tax-Xandir et*** gie deciz biss fil-qafas ta’ kawza ghal *judicial review* li d-decizjoni ta’ l-Awtorita` tax-Xandir li tawtorizza lill-Malta Labour Party sabiex ixandar ‘spots’ bla hlas fuq l-istazzjonijiet tax-xandir pubbliku b’certi modalitajiet kienet decizjoni li l-istess Awtorita` setghet legittimament tiehu ghax ma kienitx “ultra vires” is-setghat taghha u “kienet proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-ligi u ghalhekk [kienet] torbot lill-kumpanija attrici [Public Broadcasting Services Limited]”. Dik is-sentenza tal-5 ta’ Settembru, 2002 giet deciza esklussivament a bazi ta’ dak li kienet qed tallega l-kumpanija Public Broadcasting Services Limited u tal-eccezzjonijiet migjuba mill-Awtorita` tax-Xandir. Imkien

[1] Is-sentenza ta’ din il-Qorti nghatat fil-15 ta’ Jannar, 2003.

f'dik is-sentenza ma nghad li dik id-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir kienet l-ahhar kelma fil-kuntest ta' l-Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni, jew li dik id-decizjoni ta' l-imsemmija Awtorita` ma setghetx tohloq problemi legali u/jew fattwali ohra. A propositu ta' hekk, meta din il-Qorti (cioe` il-Qorti ta' l-Appell) ikkonfermat (fil-15 ta' Jannar, 2003) is-sentenza tal-5 ta' Settemrbu, 2002 kienet qalet espressament hekk (dejjem fil-kuntest ta' kawza ghal *judicial review*):

**Fi kliem iehor, jista' jaghti l-kaz li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` tax-Xandir fil-kaz *de quo* ma kienitx l-aktar wahda felici li setghet tittiehed fic-cirkostanzi** (sottolinear ta' din il-Qorti li ma jinsabx fis-sentenza originali) **u li Qorti, kieku kellha tiddeciedi hi dwar l-ilment (f'dan il-kaz tal-M.L.P.) kienet tiddeciedi b'mod differenti. Izda l-legislatur ried li tali decizjoni tittiehed minn awtorita` pubblika minnu mahluqa, b'kapacitajiet u b'taghrif specjalizzat, u b'poteri vasti biex tkun tista' tohloq dak il-bilanc gust u delikat fil-kamp tax-xandir li huwa essenzjali ghall-funzjonament tad-demokrazija. L-Awtorita` tax-Xandir certament m'ghandhiex kompitu facli, u trid dejjem izzomm quddiem ghajnejha li hija ghandha rwol importanti f'dan il-kamp specjalizzat tax-xandir kwazi daqs dak tal-qrati fil-hajja demokratika tal-pajjiz.**

F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet ukoll fissret li l-poteri u d-diskrezzjoni li ghandha l-Awtorita` tax-Xandir iridu jigu ezercitati entro l-limiti tal-principji generali li fuqhom hija mibnija s-saltna tad-dritt f'socjeta` demokratika kif mifhuma fl-Ewropa llum, u cioe` jridu jigu ezercitati (1) skond il-ligi, (2) b'mod ragjonevoli u (3) b'mod li jigu mharsa d-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fissret ukoll li "l-arbitru ahhari ta' jekk l-Awtorita` tax-Xandir tkunx agixxiet skond dawn il-principji generali jew, f'kaz li jigi allegat li l-Awrorita` tkun naqset milli tagixxi meta kellha suppost tagixxi, ta' jekk tkunx naqset milli tagixxi, hija l-Qorti." Stabbilit, ghalhekk, li ma hemm ebda konflitt jew kontradizzjoni bejn iz-zewg sentenzi, kif allegat mill-Awtorita` appellanti, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-qofol ta' dana l-appell u cioe` jekk bir-rifjut

taghha tat-talba tal-Partit Nazzjonalista li jkollu l-istess dritt bhall-Malta Labour Party li jxandar 'spots' fuq l-istazzjon tal-PBS inkisirx l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u/jew id-disposizzjonijiet tal-Kap. 350.

Tajjeb li wiehed jirrikapitola ftit id-disposizzjonijiet relevanti, b'sottolinear fejn hemm bzonn:-

L-Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:
**Tkun funzjoni ta' l-Awtorita` dwar ix-Xandir li tizgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigh u televizjoni li jistghu jkunu provduti f'Malta, tigi mizmuma imparzjalita` xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu ghal *policy* pubblika korrenti u illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti.**

Il-Kap. 350, imbghad, ikompli jipprovdi hekk:

**3(1). Minghajr pregudizzju u b'zieda mal-funzjonijiet taht l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, l-Awtorita` jkollha l-funzjoni li tirregola servizzi ta' xandir ta' smigh u ta' televizjoni f'Malta …**

**13(2)(f). Ikun id-dmir ta' l-Awtorita` li tissodisfa lilha nnifisha illi, kemm jista' jkun, il-programmi mxandra minn persuni li jaghtu servizzi ta' xandir ta' smigh jew ta' televizjoni f'Malta jkunu konformi ma' dawn il-htigijiet li gejjin, jigifieri…li tinzamm l-imparzjalita` dovuta dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li ghandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti…**

**13(4). Ikun ukoll id-dmir ta' l-Awtorita` li, minn zmien ghal zmien torganizza skemi ta' xandiriet politici (maghdudin *spots* politici) li jkunu jiddistribwixxu b'mod gust il-facilitajiet u z-zmien bejn il-partiti politici diversi rapprezentati fil-Parlament; li tipproduci diskussjonijiet jew dibattiti li jkunu bilancjati b'mod gust li jaghtu opportunita` ta' smigh ta' persuni minn gruppi b'interessi partikulari li jkunu differenti u**

**<u>b'punti di vista differenti</u>, kif ukoll li tipproduci kummentarji jew programmi ohra dwar materji li ghandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti, li fihom min ikun qieghed jiehu sehem jista' jxandar veduti u kummenti differenti.**

Dwar dawn id-disposizzjonijiet wiehed jista' josserva, b'mod generali, is-segwenti:

1. Apparti mill-funzjoni ta' l-Awtorita` li tassigura "imparzjalita`" dwar *issues* ta' kontroversja politika jew industrijali jew ta' *policy* pubblika kurrenti, hija ghandha funzjoni ohra, u cioe` dik li tassigura li l-partiti politici (mhux biss dawk rappresentati fil-Parlament) ikollhom access xieraq ghall-facilitajiet u hin ta' xandir.

2. Din it-tieni funzjoni – riferibbilment ghall-partiti politici – mhix necessarjament wahda ghal kollox separata u distinta mill-ewwel funzjoni (dwar l-"imparzjalita`"), b'mod ghalhekk li meta tigi biex tassigura li l-partiti politici jkollhom access xieraq ghall-facilitajiet u hin ta' xandir, tali access irid ikun ukoll wiehed li jassigura, sa fejn hu possibbli, li jinzamm bilanc dwar *issues* ta' kontroversja politika jew industrijali jew ta' *current public policy*.

3. Il-legislatur evidentement ried li l-partiti politici jippartecipaw b'mod aktar dirett jew deciziv minn "gruppi b'interessi partikulari li jkunu differenti u b'punti di vista differenti" f'dak li huwa xandir, u dan evidentement ghax tali partiti huma aktar strumentali biex jiffurmaw l-opinjoni pubblika dwar materja ta' kontroversja politika jew industrijali jew ta' *current public policy* (ic-ciniku jista', naturalment, jghid li dan il-legislatur ghamlu ghax jappartjeni huwa stess lil partit politiku).

4. Fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 13 tal-Kap. 350 il-legislatur identifika b'mod partikolari "*spots* politici". Fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'kumbinazzjoni, izda sar ghax illum huma rikonoxxut li tali *spots* huma effikaci hafna, forsi aktar effikaci minn dibattiti politici jew intervisti jew diskorsi, biex iwasslu messaggi politici.

Issa, ma hemmx dubbju li, fil-kaz in dizamina, meta l-Awtorita` appellanti tat il-facilita` lill-Malta Labour Party li jxandar *spots* fattwali dwar l-alternattiva ghal shubija fl-Unjoni Ewropea kellha f’mohha li tohloq bilanc f’dak li huwa informazzjoni fattwali – minn naha l-fatti, pozittivi u negattivi, dwar x’timporta shubija shiha, fatti li kienu qed jixxandru mil-MIC, u minn naha l-ohra l-alternattiva li kienet qed tipproponi l-Malta Labour Party minflok tali shubija shiha. Dak li evidentement l-Awtorita` naqset milli taghraf kien li b’dak ir-rimedju moghti biex tinzamm “imparzjalita” dwar *current public policy* hija kienet qed taghti lill-Malta Labour Party il-mezz sabiex, permezz ta’ *spots*, <u>indirettament jinfluwenza lill-elettorat</u> fl-ghazla politika fir-referendum li kulhadd kien jaf li ghandu jsir, u dan peress li kien fatt maghruf – fatt li din il-Qorti tista’ tiehu *judicial cognizance* tieghu – li l-Malta Labour Party kien kontra s-shubija shiha ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea. Ghalhekk, filwaqt li <u>apparentement</u> min isegwi il-programmi tal-PBS kien qed jinghata biss informazzjoni fattwali dwar shubija shiha fl-Unjoni Ewropea minn naha u informazzjoni fattwali dwar l-alternattiva ghal tali shubija shiha minn naha l-ohra, <u>fir-realta`</u> il-Malta Labour Party kien qed jinghata mezz sabiex jinfluwenza lill-elettorat fil-ghazla fir-referendum li kien mistenni, filwaqt li l-partiti politici l-ohra ma kienux qed jinghataw tali facilita`, cioe` permezz ta’ *spots*. Il-fatti dwar alternattiva ghal shubija shiha fl-Unjoni Ewropea setghu inghataw <u>minghajr ma jiddahhal direttament fl-ekwazzjoni partit politiku</u>. Malli ddahhal tali partit, kien id-dover ta’ l-Awtorita` li tassigura minghajr mezzi termini li jinghata l-piz dovut lil dik il-parti tal-Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni (riflessa fl-Artikolu 13(4) tal-Kap. 350) li tipprovdi li l-hin ta’ xandir ikun maqsum b’mod xieraq bejn <u>partiti politici</u> differenti, u dan irrispettivament minn jekk kienx hemm aktar partiti li kienu favur is-shubija shiha ta’ Malta fl-UE milli kontra. Bid-decizjoni taghha intiza biex izzomm bilanc taht aspett wiehed tal-Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni, l-Awtorita` appellanti holqot zbilanc palesi taht aspett iehor billi, filwaqt li l-MIC kien qed jaghti informazzjoni dwar shubija shiha fl-UE biex l-elettorat ikun jista’ eventwalment jifforma l-opinjoni tieghu jekk Malta ghandhiex tissieheb jew le bhala membru shih, il-Malta Labour Party, bl-i*spots*

dwar l-alternattiva ghal tali shubija shiha, kien effettivament (ghalkemm, s'intendi, b'mod indirett) qed jghid lill-istess elettorat biex fir-referendum li kien mistenni jivvota kontra tali shubija shiha. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Awtorita` appellanti meta din tghid li t-tieni parti (jew it-tieni "ingredjent kostituttiv") tal-Artikolu 119(1) kien qed jigi osservat bl-iskedi ta' programmi li hija kienet hejjiet ghall-partiti politici kollha (ara l-kwotazzjoni mir-rikors ta' appell, riprodott aktar 'l fuq f'din is-sentenza) u dan ghar-raguni, kif diga osservat, li *spots* politici, specjalment meta imxandra fi *prime time*, huma mezz ferm aktar effettiv minn mezzi ohra biex wiehed iwassal messagg politiku. Kienet ghalhekk sostanzjalment korretta l-ewwel Qorti meta ordnat lill-Awtorita` tax-Xandir sabiex fi zmien gimgha taghti l-istess drittijiet lill-Partit Nazzjonalista (fir-rigward ta' dawn l-i*spots*) li kellu l-Malta Labour Party. Konsegwentement l-appell tal-Awtorita` tax-Xandir ser jigi respint.

**<u>L-appell tas-socjeta` Public Bradcasting Services Limited u l-fehma ta' din il-Qorti dwaru.</u>**

Tajjeb li jigi osservat li s-socjeta` appellanti ipprezentat dan ir-rikors fit-2 ta' Dicembru, 2002. Fih jinghad, *inter alia*, espressament hekk (paragrafu 2 tar-rikors):

**Illi peress illi din l-Onorabbili fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2002 ordnat li l-appelli fil-kawzi Citazzjoni Nru 711/02 u 738/02 jigu trattati flimkien ma' l-appell ipprezentat mill-Awtorita` tax-Xandir fil-kawza odjerna Citazzjoni Nru 1127/02, is-socjeta` Public Broadcasting Services Limited qieghda taghmel riferenza ghal dak li gia` ntqal fiz-zewg rikorsi ta' appell taghha fiz-zewg kawzi rispettivi hawn fuq imsemmija a skans ta' ripetizzjoni inutili.**

Issa, fil-kawzi Citaz. 711/02 (***Chairman tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited et noe. v. Awtorita` tax-Xandir et***) u 738/02 (***Dr. Alfred Sant noe. et v. Chairman Awtorita` tax-Xandir et.***) din il-Qorti diga irrespingiet l-aggravji kollha li s-socjeta` appellanti kienet ressqet fiz-zewg rikorsi rispettivi, u ghalhekk anke din il-

Qorti, a skans ta' ripetizzjoni inutili, taghmel referenza ghas-sentenzi taghha f'dawk iz-zewg kawzi, it-tnejn moghtija fil-15 ta' Jannar, 2003. Ghalkemm is-socjeta` appellanti tghid li "b'zieda" ma' dak li intqal fir-rikorsi ta' appell l-ohra taghha ser tissolleva aggravji ohra, effettivament bosta minn dawn l-aggravji huma identici ghal dawk diga sollevati u respinti biz-zewg sentenzi ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar, 2003. Hekk, per ezempju, l-aggravji kontenuti fil-paragrafi bin-numri 1 u 3, u parti minn dak fil-paragrafu 4, huma bazikament fis-sens li l-PBS kienet ser ikollha terfa' piz finanzjarju (minhabba li l-i*spots* kemm tal-MLP kif ukoll tal-Partit Nazzjonalista kienu ser ikunu imxandra b'xejn u f'hinijiet normalment allokati ghal reklami kummercjali) "ingust, sproporzjonat u oppressiv bit-toqol ta' *spots* ta' natura politika biex taqdi lill-partiti politici kontra l-interessi kummercjali u finanzjarji taghha". Ghal dan l-ilment din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li diga qalet fis-sentenza taghha tal-15 ta' Jannar, 2003 (Citaz. 711/02):

**Tibqa', pero`, il-mistoqsija: imma din kienet decizjoni "ragjonevoli", tenut kont specjalment tal-modalitajiet li biha kellha titwettaq? Ma hemmx dubbju, fil-fehma ta' din il-Qorti, li d-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir holqot xi diffikulta`, anke diffikulta` ta' natura kummercjali, lill-P.B.S. ghal dak li huwa l-iskedar ta' l-i*spots* tal-M.L.P. Pero` ma jirrizultax li dawn id-diffikultajiet kienu ta' natura insormontabbli; anzi din il-Qorti pjuttost tifhem li, bi ftit ghaqal u immaginazzjoni u b'doza qawwija ta' sens ta' ko-operazzjoni ma' l-Awtorita` tax-Xandir – kif hu mistenni mill-mezzi tax-xandir <u>kollha</u> izda aktar u aktar mill-mezzi pubblici tax-xandir – dawn id-diffikultajiet setghu jinghelbu. Wara kollox il-htiega ta' imparzjalita` f'materja ta' kontroversja politika (jew industrijali) u ta' *current public policy* m'ghandhiex tigi sagrifikata ghall-htigijiet kummercjali tas-socjeta` li tkun qed ixxandar, u dan jghodd aktar u aktar fil-kaz tas-servizzi pubblici tax-xandir.**

Fil-kaz odjern ma ingiebet ebda prova li bid-decizjoni tal-Prim Awla li tordna lill-Awtorita` tax-Xandir sabiex taghti l-

istess facilitajiet lill-Partit Nazzjonalista li kellu l-Malta Labour Party is-socjeta` appellanti kienet ser iggor xi piz li, bhala socjeta` li tiggestixxi mezz pubbliku tax-xandir, ma kelliex iggorr. Dana l-aggravju, ghalhekk, qed jigi respint.

Fil-paragrafu numru 4 jinghad ukoll, b'mod generali, li d-decizjonijiet tal-Prim Awla f'din il-materja – kemm dik li tat ir-rimedju lill-Malta Labour Party fil-konfront ta' l-i*spots* tal-MIC kif ukoll dik li minnha qed isir dana l-appell – huma zbaljati, u li ghalhekk "l-i*spots* tal-MLP minghajr hlas ghandhom jitwaqqfu minnufih, il-lejla qabel ghada, izda jekk m'humiex ser jitwaqqfu, PBS Ltd tifhem li l-PN ghandu jinghata l-istess facilita` bhall-MLP". Frankament dan mhux tant ilment jew aggravju daqs kemm previzjoni ta' dak li gie deciz fiz-zewg sentenzi tal-15 ta' Jannar, 2003 u dak li qed jigi deciz bis-sentenza odjerna.

Fil-paragrafu numru 5, is-socjeta` appellanti tilmenta li d-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir tal-1 ta' Ottubru, 2002 (li permezz taghha cahdet it-talba tal-Partit Nazzjonalista) ittiehdet minghajr ma hi kienet giet konsultata, u li anke d-decizjoni appellata (cioe` tal-15 ta' Novembru, 2002) ittiehdet minghajr ma sar l-ebda tentattiv biex PBS Ltd tigi msejjha fil-kawza. Dan l-aggravju huwa wiehed fieragh ghall-ahhar. Id-decizjoni tal-Awtorita` tax-Xandir tal-1 ta' Ottubru, 2002 ma kienet b'ebda mod taffetwa lill-PBS Ltd proprju peress li b'dik id-decizjoni l-imsemmija awtorita` cahdet (mhux laqghet) it-talba tal-Partit Nazzjonalista (sakemm is-socjeta` appellanti mhix qed tipprova tissuggerixxi li ghandha xi rabta partikolari mal-imsemmi partit jew xi interessi simili ghal tieghu). Kwantu ghall-proceduri quddiem il-Prim Awla li wasslu ghas-sentenza appellata tal-15 ta' Novembru, 2002, is-socjeta` appellanti setghet dejjem, kieku riedet, tintervjeni fil-kawza. Ghall-motivi premessi anke l-appell tas-socjeta` Public Broadcasting Services Limited ser jigi respint.

**Decide.**

Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell interpost mill-Awtorita` tax-Xandir kif ukoll dak interpost mis-socjeta` Public Broadcasting Services Limited, bl-ispejjez kontra

dawn iz-zewg appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------